Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2846 6.11.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2846

## tal-5 ta’ Novembru 2024

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 28(1), l-Artikolu 41(2), l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 30(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, approvata mill-Kunsill fil-21 ta’ Marzu 2022, appellat għal rivalutazzjoni sal-2023 tal-kamp ta’ applikazzjoni u d-definizzjoni tal-ispejjeż komuni biex tissaħħaħ is-solidarjetà u tiġi stimulata l-parteċipazzjoni f’missjonijiet u operazzjonijiet militari, kif ukoll tal-ispejjeż relatati mal-eżerċizzji, anke fid-dawl ta’ proposti dwar il-Kapaċità ta’ Skjerament Rapidu tal-UE.

(2) Il-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà ddiskuta proposti ta’ politika relatati għar-rivalutazzjoni matul l-2023 u l-2024.

(3) Il-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu adottati fis-27 ta’ Mejju 2024, fakkar fl-impenn li jitwessa’ u jiġi estiż l-ambitu tal-ispejjeż komuni għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari u l-eżerċizzji tal-UE, u l-Kapaċità ta’ Skjerament Rapidu tal-UE, u istenna b’ħerqa li dan l-impenn jithaddem malajr kemm jista’ jkun.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 [1] tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikoli 4, il-punt (g), huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(g) ‘eżerċizzju’ tfisser eżerċizzju militari tal-PSDK tal-Unjoni jew il-komponent militari ta’ eżerċizzju ċivili tal-PSDK, maqbul fil-Programm ta’ Eżerċizzji u Attivitajiet Relatati mal-Eżerċizzji tal-UE skont il-PESK u mwettqa f’konformità mal-Politika tal-Eżerċizzji tal-Unjoni Ewropea skont il-PESK.”;

(2) l-Artikolu 44, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“7. Minbarra s-setgħa tiegħu skont il-punt (c) tal-paragrafu 2, il-Kumitat jista’ jiddeċiedi skont il-każ li, fid-dawl ta’ ċirkostanzi partikolari, ċerti spejjeż inkrimentali għajr dawk elenkati fl-Annessi II sa V għandhom jitqiesu bħala spejjeż komuni għal operazzjoni partikolari.”;

(3) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 45*

**Eżerċizzji**

‘1. L-ispejjeż komuni tal-eżerċizzji tal-Unjoni għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-Faċilità skont ir-regoli u l-proċeduri simili għal dawk għal operazzjonijiet li għalihom jikkontribwixxu l-Istati Membri kollha, u sa ammont li għandu jiġi deċiż mill-Kumitat għal kull tip ta’ eżerċizzju, b’mod partikolari għall-Kapaċità ta’ Skjerament Rapidu tal-UE (EU RDC), filwaqt li jitqies il-Programm ta’ Eżerċizzji u Attivitajiet Relatati mal-Eżerċizzji tal-UE skont il-PESK. Dan l-ammont jista’ jinqabeż skont il-każ, jekk jiġi permess mill-Kumitat meta japprova l-baġit ta’ eżerċizzju.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, dawn l-ispejjeż komuni tal-eżerċizzji għandhom ikunu l-ispejjeż inklużi fl-Anness IV applikabbli għat-tip ta’ operazzjoni simulata fl-eżerċizzju.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta’ Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

3. Għan-nefqa li ġejja, l-ispejjeż komuni tal-eżerċizzji msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikopru:

(a) xogħlijiet żgħar u temporanji għall-iskjerament/infrastruttura temporanja: nefqa assolutament meħtieġa għall-kwartieri ġenerali temporanji u l-forzi li jipparteċipaw fl-eżerċizzju biex jintlaħaq l-objettiv tiegħu, jekk approvati mill-Kumitat;

(b) il-fażi tal-ippjanar u tat-tħejjija tal-eżerċizzji, inkluż it-taħriġ essenzjali meħtieġ għall-eżerċizzju, b'mod partikolari t-taħriġ għall-operaturi tal-Pakketti Skjerabbli tal-UE u għall-esperti finanzjarji maħtura biex jipparteċipaw fl-eżerċizzju;

(c) it-trasport għall-iskjerament u l-iskjerament mill-ġdid lejn u mill-post tal-operazzjonijiet għall-EU RDC (inkluż il-Gruppi Tattiċi tal-UE, il-faċilitaturi strateġiċi u l-moduli), skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness IV, il-Parti A, il-paragrafu 3 relatati mal-operazzjonijiet tal-EU RDC sa ammont f'konformità mal-aktar għażla kosteffettiva, skont id-deċiżjoni tal-Kumitat. Id-deċiżjoni mill-Kumitat għandha tittieħed b'kont meħud tad-diskussjoni ta' orjentazzjoni strateġika applikabbli fil-KPS, li tiffoka fuq aspetti operattivi u finanzjarji, u fil-ħin biex tiġi kkunsidrata kif xieraq fil-proċess ta' ġenerazzjoni tal-forzi tal-eżerċizzju.

4. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi skont il-każ li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ċerti spejjeż inkrimentali barra minn dawk imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jitqiesu bħala spejjeż komuni għal eżerċizzju partikolari, speċjalment għall-EU RDC.";

(4) fl-Anness IV, il-PARTI A, taħt l-intestatura 2:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Servizzi u faċilitajiet mediċi: evakwazzjonijiet mediċi ta' emerġenza (Medevac) u b'rispons għall-pandemiji. Servizzi u faċilitajiet tar-Rwol 2 u 3 fil-livell tal-elementi operazzjonali fil-post tal-operazzjoni, bħal ajruporti u portijiet ta' żbark approvati fl-OPLAN. Servizzi u faċilitajiet tar-Rwol 1 għal missjonijiet militari mhux eżekuttivi.";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) Servizzi ta' protezzjoni tal-forza u ta' sigurtà essenzjali: l-akkomodazzjoni tat-timijiet tal-protezzjoni tal-forza magħmula disponibbli għal missjonijiet militari mhux eżekuttivi.";

(5) l-Anness IV, il-PARTI A, l-intestatura 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Spejjeż inkrimentali speċifiċi għall-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, inkluż il-Grupp Tattiku tal-UE, il-faċilitaturi strateġiċi u l-moduli.

L-ispejjeż definiti hawn taħt huma dawk imġarrba b'mod addizzjonali b'konsegwenza tal-iskjerament u l-iskjerament mill-ġdid tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE lejn u mill-post tal-operazzjonijiet:

(a) L-ispejjeż tat-trasport tal-iskjerament: spejjeż inkrimentali tat-trasport għall-iskjerament fi żmien qasir bl-art, bil-baħar u bl-ajru ta' Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE lejn iż-żona tal-operazzjonijiet konġunti f'konformità mal-Qafas tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE inklużi fil-Kunċett ta' Reazzjoni Militari Rapida tal-UE u abbażi tal-Att tal-Kumitat Speċjali tad-29 ta' Mejju 2012 u r-Rati Fissi ta' Rimborż applikabbli għall-iskjerament tal-Gruppi Tattiċi tal-UE (dokument 11806/12, kif approvat mill-Kunsill fl-4 ta' Ottubru 2012), li għandhom ikunu applikabbli wkoll għall-faċilitaturi strateġiċi u l-moduli skjerati. L-ispejjeż bl-art u bil-baħar għall-iskjerament ta' Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE għandhom jikkwalifikaw bħala spejjeż komuni unikament fejn din tkun l-aktar għażla kosteffettiva u bil-kundizzjoni li jkun possibbli li jintlaħqu l-iskedi ta' żmien meħtieġa tal-iskjerament għall-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE.

(b) Spejjeż għall-operat: l-ispejjeż inkrimentali għal servizzi assolutament meħtieġa għall-appoġġ dirett għall-iskjerament ta' Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE fil-punti ta' dħul bl-ajru u/jew marittimi u ż-żoni loġistiċi u ta' assemblea, b'mod partikolari iżda mhux limitat għall-ħażna sikura ta' tagħmir u materjal, servizzi u faċilitajiet ta' Rwol 1, akkomodazzjoni għall-irqad, faċilitajiet sanitarji (ħasil, doċċi, latrini), faċilitajiet għall-ikel, rimi ta' skart, appoġġ ta' inġinerija ġenerali.

(c) Pakkett għall-iskjerament fil-pront: spejjeż inkrimentali għall-provvista ta' ikel, ilma u karburant għal massimu ta' 10 ijiem għall-iskjerament tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE kollha kemm hi, kif approvat fl-OPLAN.

(d) Spejjeż ta' trasport għal skjerament mill-ġdid: spejjeż inkrimentali għat-trasport tal-persunal fil-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, mill-post tal-operazzjonijiet bl-art, bil-baħar jew bl-ajru għal skjerament mill-ġdid. L-għażla tat-trasport l-aktar kosteffettiva biss ser tiġi kkunsidrata bħala spejjeż komuni.";

(6) fl-Anness IV, il-PARTI C:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Kwartieri, akkomodazzjoni/infrastruttura u spazju għall-uffiċċji: nefqa għall-akkwist, il-kiri jew ir-rinnovazzjoni ta' bini fil-post tal-operazzjoni (binjiet, shelters, tined), kif meħtieġ għall-forzi skjerati għall-operazzjoni.";

(b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) Spejjeż ta' trasport għal skjerament mill-ġdid: spejjeż inkrimentali tat-trasport tat-tagħmir tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, inkluż il-Grupp Tattiku tal-UE, il-faċilitaturi strateġiċi u l-moduli, mill-post tal-operazzjonijiet bl-art, bil-baħar jew bl-ajru għal skjerament mill-ġdid. L-għażla tat-trasport l-aktar kosteffettiva biss ser tiġi kkunsidrata bħala spejjeż komuni.";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(i) Tagħmir addizzjonali essenzjali, b'mod partikolari relatat mas-sigurtà (bħal xatbiet, torrijiet tal-għassa, triq ta' aċċess, reċinti), u r-rinnovazzjoni bażika ta' faċilitajiet ta' taħriġ fil-post tal-operazzjonijiet, meħtieġa għall-forzi skjerati għal missjonijiet militari mhux eżekuttivi.

(j) It-trasport fil-post tal-operazzjonijiet għall-forzi skjerati għal missjonijiet militari mhux eżekuttivi, inkluż għat-timijiet tal-protezzjoni tal-forzi.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

VARGA M.